ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 12 ta' Diċembru, 2025

Talba Nru: CCT54/25/DS

Joseph Mark Caruana

Vs

Crosscraft Co. Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-11 ta' Marzu, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata rimbors ta' erba' mija u għaxar Ewro (€410) f'danni materjali u ħames mitt Ewro (€500) f'dann morali;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-15 ta' April, 2025;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attur xtara forn mingħand is-soċjeta' intimata fil- 6 ta' Diċembru, 2023 għas-somma ta' elf mitejn u sittin Ewro (€1,260) illi ħadem tajjeb darba waħda biss imbgħad waqaf jiffunzjona sew. Is-soċjeta' intimata ssostni illi l-problema tal-forn W11 hija waħda ta' interfernza li ġejja mis-servizz tal-elettriku tal-attur minħabba illi għandu l-pannelli solari. Dan il-fatt tinsisti fuqu stante illi meta kienu qiegħdin isiru t-testijiet fir-residenza tal-attur, wara illi kienu diġa saru testijiet fuq aspetti oħra tal-forn u ġiet eliminata l-possibilita li l-problema kienet ġejja minn xi parts tal-forn, instab illi meta l-attur elimina l-pannelli solari għal ċirka nofs siegħa il-forn ħadem sewwa u meta reġgħu ġew imqabbdin mas-sistema reġgħu kreaw interfernza immedjatament. Il-forn ittieħed ukoll il-workshop fejn ħadem sew f'kull ħin u ttieħed saħansitra mudell identiku ta' W11 fir-residenza tal-attur li wera l-istess probleam meta l-pannelli kienu qiegħdin jaħdmu. Is-soċjeta' intimata għaddiet prodott differenti u cioe forn W6 illi ma għandux il-faċilita' ta' WiFi u għaldaqstant ma jistgħax jiġbed interfernzi u dan ħadem tajjeb. Ta min jgħid illi t-tekniku tas-soċjeta' intimata qal ċar u tond illi l-prodott huwa aktar sensittiv għaliex għandu, fost affarijiet oħra l-faċilita' tal-WiFi u għaldaqstant dak kollu li qalu x'xhieda huwa kkorroborat.

L-attur qiegħed jitlob, fost affarijiet oħra id-differenza fil-prezz bejn il-prodott illi jixtieq iżomm u cioe il-forn W6 u dak li kien xtara u cioe W11 pero' s-soċjeta' intimata ssostni illi la dan qiegħda tagħmlu buona volonta' tagħha għaliex il-problema mhux fil-prodott m'hijiex lesta trodd id-differenza u jekk irid, il-klijent jieħu lura l-prodott tiegħu u jibqa' bih stante illi l-problema m'hijiex waħda ta' difett fih iżda ta' inkompatibilita mas-sistema tal-elettriku tiegħu.

L-attur jinsisti illi l-vultagg tal-forn huwa aktar għoli minn dak li suppost ikun f'pajjiz Ewropew pero' s-soċjeta' intimata tgħid illi, fl-ewwel lok, dan huwa prodott iċċertifikat skont standards Ewropei u ġabet prova ta' dan u fit-tieni lok, il-problema tal-forn m'hijiex problema ta' vultaġġ.

Illi f'dan l-isfond u tenut iċ-ċirkustanzi tal-każ dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta. Stante illi kien l-attur illi kien kuntent bil-bidla fil-prodott sabiex ikollu wieħed illi jista' jiffunzjona mas-sistema illi għandu huwa u stante illi l-kummerċjant kien lest itieħ lura l-prodott tiegħu jew itih il-prodott illi fil-fatt għandu għandu fil-mument u huwa għażel tal-ewwel, dan it-Tribunal iħoss illi l-kummerċjant m'għandux ibgħati riperkussjonijiet ta' l-ebda tip għaliex huwa fil-fatt għamel aktar minn dak illi kien rikjest minnu.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.



Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru